MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA**

Seduta tat-3 ta' April, 1998

Numru 594/1991

PULIZIJA
SPETTUR KEVIN ELLUL BONICI
VS
JOHN POLIDANO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat John Polidano ta ‘ 48 sena bin Paul u Theresa nee Vella, imwieled Tarxien fis-7 ta’ Novembru 1943 u li joqghod St John, Dejma Road, Tarxien ID Nru 714343M fejn gie akkuzat talli f’dawn il-gzejjer, matul dawn l-ahhar snin, b’diversi atti maghmulin fi zmenijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, b’mezzi kontra l-ligi jew billi inqeda b’qerq iehor jew ingann, ghamel qliegh li jeccedi l-Lm500 bi hsara ta’ diversi persuni a tenur ta’ l-Art 308 u 309 ta’ kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan billi, bhala proprjetarju ta’ *Polidano Service Station* and *Plant Hire Limited* kellu ghal bejgh ammont sostanzjali ta’ *Diesel* imhallas bil-pitrolju.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema Artikoli tista' issib htija fl-imputat;

Rat illi l-imputat ma kellu oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti (vide a fol.102);

Rat id-decizjoni taghha tal-10 ta'Novembru 1993;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat :

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta, illi Spettur Kevin Ellul Bonici illi kellu rapport minghand *Enemalta Corporation* dwar *samples* tad-*diesel* mehud minn *Polidano Petrol Station* li allegatament kien imhallat bi 18 % pitrolju. L-imputat John Polidano gie mitkellem mill-Pulizija u irrilaxxa stqarrija DOK KEB1 li tinstab a fol. 13 et seq illi fiha innega illi huwa b'xi mod kien responsabbli ghat-tahlit tal-*fuel* u li hadd mill-klijenti tieghu qatt ghamlulu xi lment dwar il-*fuel* li jixtru minghandu.

L-analizi tal-*fuel* minn *Polidano Petrol Station* gie ezebit u mmarkat bhala DOK AV1 a fol. 50 u 51.

PC 239 ikkonferma l-istqarrija tal-imputat.

Alfred Mallia a fol. 16 et. seq Kap tal-*Petroleum Division*, ikkonferma li huma jiehdu *random samples* mill-*Petrol Stations* ta' Malta u Ghawdex, liema *samples* jittiehdu *in triplicates*. Wiehed minnhom gie moghti lill imputat u l-ohrajn intbghatu ghal-analizi l-Universita ta' Malta. A fol. 19 Mallia ikkonferma illi huma m'ghandhomx *bowsers* iddedikati ghal-tip ta' *fuel* uniku u li bowser li jghabbi *diesel* gurnata wahda, l-ghada filghodu jista' jintuza ghal pitrolju jew ghal *petrol*. Mallia ikkonferma illi fid-data indikata fic-citazzjoni Korporazzjoni Enemalta kienet wettqet zewg inspezzjonijiet izda otjeniet kampjun wiehed biss tad-*diesel*. Ezebixxa *Routine Sheets* DOK AM1 sa 9.

Alfred Vella ikkonferma l-analizi tieghu fuq il-kampjuni mittiehda minn *Polidano Petrol Station* u li sab 18% *kerosene* fil-kampjun tad-*diesel* moghti lilu u dan sar b'analizi ta' ***gas chromatography*** .

Alfred Mallia riprodott a fol 64 et. seq. Ikkonferma il-procedura ta' kif jittiehed kampjun; li kull kampjun ikollu *card / tag* li tkun iffirmata minn min issigilla il-kampjun. Ikkonferma li t-tankijiet tal-*Petrol Station* gew imbattla u imnaddfa minn Julian Tabone.

Christopher Triganza ikkonferma li huwa kien ha l-kampjun minn *Polidano Petrol Station* li kellu tlett pompi. Dawn il-kampjuni ttiehdu in triplicates, gew issigillati u ttagjati. Kienu marru wkoll jiehdu kampjuni minn *Savoy Service Station* u ghaddew il-kampjuni kollha lis-Sur Alfred Mallia.

Guido Saliba a fol. 70, ikkonferma x-xhieda ta' Christopher Triganza a fol 70 sa 73.

L-Espert Andrew Sacco a fol. 92 et. seq. ezebixxa u halef ir-relazzjoni tieghu DOK AS, ikkonferma ir-rezultanzi tal-analizi xjentifika tieghu u ikkonkluda :

**"Ma jidhirx li qatt gie mhallat b'pitrolju ghaliex li kieku dan sar, l-analizi numru I, II, IV, V, u X kienu jigu affetwati drastikament b'mod li seta' jigi rikonoxxut facilment" (vide a fol. 97)**

Dr. Joseph Schembri a fol. 97 xehed illi fit-3 ta'Ottubru 1991, l-imputat kien gablu kampjun tal-Enemalta liema kampjun kien ghadu issigillat. Dan il-bott baqa' fil-pussess ta' Dr Schembri sakemm gie mghoddi lill-espert nominat mill-Qorti.

Rat id-decizjoni taghha tal-10 ta'Novembru 1993 li fiha il-Qorti innominat lil Dr. Michael Sammut sabiex jerga' jaghmel l-analizi fuq il-kampjun tad-*diesel* koncernat. Dan l-analizi sar permezz ta' *gas chromatography* u ta' rizultat ta' 14 % ta' *kerosene* fil-kampjun tad-*diesel*.

Fit-tieni xhieda tieghu Dr. Michael Sammut xhed illi il-kampjun mghoddi lilu probabbilment ma kienx issigillat imma kien maghluq. Huwa xhed li l-*emissions* minn pitrolju huma hafna anqas innokwi minn dawk tad-*diesel.*
Huwa ikkonferma li id-*diesel* u il-pitrolju jithaltu u jsiru soluzzjoni omogenja. Lanqas ma wiehed ser jinduna mir-riha. Dr.Michael Sammut xhed illi huwa pprova igib kampjun ta' diesel mhux ikkontaminat mill-Enemalta u sab diffikulta kbira il- ghaliex tidhol konsenja ta' *diesel* kull tlett xhur u **<u>il-varjeta</u> bejn kull konsenja hija sostanzjali : "Tista tkun up to 30 % sibna differenza." ( afol. 148)**
Apparti minn hekk Dr. Sammut xhed illi id-*diesel* u il-pitrolju huma maghmulin mill-istess haga cioe *crude oil* u hemm *fractional distillation* ta' l-istess *crude oil*. Hemm ghal-daqstant *overlap* ta' materjali li huma l-istess. Ghalhekk Dr. Sammut xhed li l-analizi issir billi :

"Inti issib materjali li ma jezistux, jew jekk jezistu, jezistu f'ammonti zghar hafna ," u li dawn jinstabu fil-pitrolju pero mhux fid-*diesel*. ( a fol.149)

"Il-problema hi li jekk inti m'ghandekx l-istess *base* jigifieri l-istess *diesel* u l–istess pitrolju li kien atttwalment uzat dak iz-zmien meta ittiehed il-kampjun, jista' jinqala il-kaz meta li d-*diesel* tanalizzah wahdu itik pitrolju ekwivalent gholi fis-sens li jigik qisu ghandek pitrolju god-*diesel* mentri ma jkunx propja hekk ghaliex il-kwalita tad-*diesel* li giet importata dak iz-zmien tkun differenti minn dak taz-zmien ta' qabel. **Tista tkun varjazzjoni sostanzjali. Fil-fatt ghadi kawzi ohrajn quddiem il-Qorti, nghid il-verita *at this point of time* m'ghadniex naccetta dan it-tip ta' xoghol; ghas-semplici raguni li *standards* ma jezistux; jigifieri l-Enemalta ma nistax immur ghandha jiena u nghidilha tini id-*diesel* ta gurnata X, tal-gurnata Y ... ( ara xhieda a. fol 149 et seq.) ... Ma jezistux *standards*, ma nista inqabbel " ( ara xhieda a fol 150.)**

**"Mist: U f'dan il-kaz il-14% huwa l-istess tip ta' ezami fejn inti qed tghid li gieli sibt 30%...**

**Xhud : Iva, ezattament l-istess u kull min jaghmel l-istess tip ta'analizi ghandu l-istess problema. Ghandu l-istess problema ." ( ara xhieda a fol 150)**

Ikkonsidrat

Illi mill-kumpless tax-xhieda fuq indikata johrog car daqs il-kristall illi l-konsenji ta' diesel impurtat minn *Enemalta Corporation* minn barra minn Malta , jikkontjeni percentwali ta' pitrolju illi ivarja minn 0 sa 30% pitrolju fid-*diesel.* Illi minhabba il-fatt illi l-Enemalta ma izzomx fir-*records* taghha, kampjun ta' kull konsenja ta' *diesel* illi hija tixtri minn barra, ma jistghax isir analizi xjentifiku sabiex wiehed jiddecifra kemm –il darba *Petrol Station* tkunx qed thallat il-pitrolju mad-diesel illi tixtri. Illi dan l-istat ta' fatt huwa imbaghad aggravat mis-sistema illi tuza' l-*Enemalta Corporation* meta ma taghmilx uzu minn *dedicated bowsers* ghall kull tip ta' *fuel* . Ghaldaqstant meta il-*bowser* bil-pitrolju jintuza l-ghada biex igorr id-*diesel* li ghadu jigi depozitat f'*Petrol Station* partikolari, **tkun l-Enemalta stess responsabbli ghat-tahlit tal-*fuel* li qed jigi kkonsenjat lil *Petrol Station* li hija qed takkuza**.

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti issib lill-imputat mhux hati tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------